**EŻAMI ANNWALI TA' L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2001**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| **It-Tieni Sena** | **MALTI** | **ĦIN: Sagħtejn** |
|---|---|---|

Isem: ______________________________ Klassi: __________

Istruzzjonijiet lill-kandidati:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub:

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

SKEMA GĦALL-MARKI

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | G | Tot. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 7 | 23 | 5 | 8 | 8 | 13 | 16 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | | |

Kummenti

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

## TEST GĦALL-ISTĦARRIĠ

Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet fuqha:

# GERIT



Kull nhar ta' Ġimgħa Gerit kienet tisbaħ tbajjad ir-ram kollu tad-dar, tibda mill-ħabbatiet tal-bieb ta' barra u tasal sa l-iċken biċċa ram li kienet taqa' taħt għajnejha fid-dar kollha, barra mir-ram li kien jinsab mill-għatba tal-kċina 'l ġewwa, għax dak ix-xogħol kien imiss lil Karmni. Il-kċina għal Karmni kienet, ngħidu aħna, bħalma kien il-maqdes għal-Lhud; ħadd ħliefha ma kellu l-jedd jirfes dik l-art imqaddsa u jmidd idu biex jagħmel xi ħaġa jew isajjar jew inaddaf; sakemm kienu jidħlu u ma jmissu xejn b'idejhom kien kollox sew, iżda iżjed le. ***(par. 1)***

Għodwa waħda, ġimgħa wara li Rożina kienet marret tara t-tiġrija, Gerit kienet fil-bieb ta' barra tbajjad il-ħabbatiet. Din il-biċċa xogħol kienet iddum sejra aktar minn nofs siegħa, iżda Gerit kienet tagħmilha bil-qalb kollha għaliex, barra milli kienet tieħu ftit tan-nifs qabel ix-xogħol iebes ta' jum il-Ġimgħa, kienet tista' tpartat ma' Lonza, il-qaddejja tas-sinjura ta' maġenbhom, it-tagħrif ta' dak kollu li kien isir fid-dar u barra mid-dar tas-sidien tagħhom matul il-ġimgħa kollha; u hekk, wara li jferrgħu fi qlub xulxin id-dwejjaq li jkunu ġagħluhom iġarrbu n-nies ħżiena ta' madwarhom, jitgħabbew tagħbija slaleb li jogħġobhom jerfgħu lil dak u lil dik u fl-aħħar jagħlqu t-taħdita billi jistagħġbu kif nies bħal dawk kollox imurilhom għal għajnhom, waqt li huma, li kienu nies sewwa u ta' darhom u li ma jilħqu għasst ħadd, kienu qegħdin iġarrbu dik it-tbatija kollha tad-dinja. ***(par. 2)***

Dik l-għodwa Lonza ma ħarġitx. Gerit damet titnikker ħafna mal-ħabbatiet, iżda għalxejn, għax Lonza ġewwa kienet u ġewwa baqgħet. ***(par. 3)***

"Trid ħalib, illum?" waqaf jistaqsiha wieħed bejjiegħ tal-ħalib li kien nieżel mit-triq, jgħanni minn taħt l-ilsien, b'għaniqa u żewġ mogħżiet warajh. ***(par. 4)***

Gerit dehrilha li sakemm tixtri l-ħalib setgħet titnikker daqsxejn ieħor barra, u għalhekk ġieha f'rasha li s-sinjorina kellha l-ħila tkun trid xi sold ħalib ieħor: "Stenna daqsxejn sa ma nġib il-bott," qalet lil tal-ħalib, filwaqt li daħlet tiġri ġewwa. ***(par. 5)***

Tal-ħalib waddab il-ħabel li kellu f'idu fuq kitfejh, tella' riġlu waħda fuq l-għatba tal-bieb, qabbad idu mal-ħabbata u, sakemm Gerit damet ġewwa, qabad jara wiċċu f'dak ir-ram li kien għadu kemm ġie mbajjad, u jistagħġeb għax wiċċu kien jieħu sura li ddaħħak.***(par. 6)***



Gerit ħarġet bil-bott f'idha u tal-ħalib malajr mar qabad mogħża, karkarha ħdejn il-bieb, niżel fuq irkobba waħda u qabad jaħleb; wara ftit newlilha l-bott. ***(par. 7)***

(SILTA MINN ***Is-Salib Tal-Fidda*** ta' P. Harry Born )

| A. FEHIM IT-TEST | *(7 marki)* |
|---|---|

1. X'kienet tagħmel Gerit kull nhar ta' Ġimgħa? *(par. 1)*
   ______________________________ (1)

2. Għaliex Gerit kienet tnaddaf ir-ram bil-qalb kollha? *(par. 2)*
   ______________________________
   ______________________________ (1)

3. Għaliex Gerit damet titnikker biex tnaddaf il-ħabbatiet tal-bieb? *(par. 3)*
   ______________________________
   ______________________________
   ______________________________ (1)

4. Mill-5 paragrafu ikteb il-kelma li turi li s-silta qiegħda titkellem fuq żmenijiet differenti mil-lum. ______________ (1)

5. Ikteb il-frażi li turi x'għamel il-bejjiegħ tal-ħalib u li żgur Gerit kellha għax tirrabja. *(par. 6)* ______________________________ (1)

6. Mis-silta, ikteb f'żewġ linji tagħrif dwar il-karattru ta' Gerit.
   ______________________________
   ______________________________
   ______________________________ (2)

| B. GĦARFIEN IL-LINGWA | *(23 marka)* |
|---|---|

(i) **ANALIŻI TESTWALI**

1. Din is-silta titkellem dwar:
   ambjent ☐ karattru ☐ (1)

2. Ikteb it-tixbiha li turi kemm kienet importanti l-kċina għal Karmni. *(par. 1)*
   ______________________________ (1)

3. Is-soltu Gerit kienet toqgħod titkellem ma' Lonza, iżda dik l-għodwa, Lonza ma ħarġitx. Meta ġara dan? *(par. 2)*
   ______________________________ (1)

4. Semmi drawwa li tissemma fis-silta u li llum m'għadniex narawha fit-toroq tagħna.
   ______________________________ (1)

5. *Wara ftit newlil**ha** l-bott.* Għal min qed jirreferi l-pronom mehmuż **ha** fil-verb *newlil**ha***? *(par. 7)* ______________ (1)

(ii) **LESSIKU/VOKABULARJU**

1. *imurilhom għal għajnhom (par. 2)* tfisser:
imurilhom kollox kif jixtiequ ☐ jidħlilhom xi ħaġa f'għajnhom ☐ (1)

2. Ikteb il-kliem li juri li Gerit kienet għadha fuq ruħha. (par. 5)
_______________________________________________ (1)

(iii) **GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

Plural Sħiħ

1. **Aqleb in-nomi fil-parentesi fil-plural sħiħ**:
(i) Il-(ġimgħa) ____________________ bdew igerbbu.
(ii) Qattgħu ħafna (siegħa) ____________________ fuq l-ajruplan. (2)

Zokk Morfemiku

2. **Oħroġ 2 kelmiet miz-zokk morfemiku tal-kelma**:
Deskrizzjoni
Zokk Morfemiku - deskri

**Kelmiet -** (i) ________________
(ii) ________________ (2)

Is-7 forma

3. **Nissel mill-kliem fil-parentesi, verbi fis-seba' Forma**:
(i) Id-diski tal-mument (sema') ____________ fuq kull stazzjon tar-radju kuljum.
(ii) Dalgħodu r-rivisti tal-moda malajr (ħataf) ________________ .
(iii) Il-grupp għandu (laqa') ______________ mill-organizzaturi. (3)

It-8 forma

4. **Nissel mill-kliem fil-parentesi, verbi fit-tmien Forma**:
(i) Ipprova (tifkira) ________________ dak li għidtlek.
(ii) Ilkoll (xewqa) ________________ li jibqgħu jiddevertu nhar il-Ħadd li għadda.
(iii) Attenti biex intom ma (mela) ________________ biż-żift. (3)

Il-prepożizzjoni

5. **Għaqqad il-prepożizzjoni ma' l-artiklu**:
(i) Ġew (minn) __________ raħal biex jixtru.
(ii) (Ta') __________ tfal kollox jidher ħelu.
(iii) Qagħdu jiżfnu (għal) __________ daqq tal-mużika. (3)

In-negattiv

6. **Aqleb il-verbi fin-negattiv**:
(i) **Kera** band'oħra. _______________
(ii) **Seta'** joħroġ. _______________ (2)

(iv) **SINTASSI (SENTENZI)**

- Kompli s-sentenza billi żżomm l-istess tifsira.

1a. "Trid ħalib, illum?" waqaf jistaqsiha wieħed bejjiegħ tal-ħalib.
b. Wieħed li kien ibigħ il-ħalib staqsa lil Gerit ______________________________ (1)

**Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI** *(5 marki)*

**QWIEL/IDJOMI**

(i) Agħżel l-**idjomi** addattati:

1. Albert huwa ta' min jafdah għax huwa ____________________________________ .
(għamilha tar-raġel, raġel fuq l-irġiel, raġel ta' l-isem) (1)

2. Katya tixtieq tilgħabha tal-kbira iżda għadha bla esperjenza għax għadha __________ ____________________________________ . (trid tgħallem 'l ommha tbennen, mqabbda ma' djul ommha, ħalib ommha fi snienha) (1)

(ii) Ikteb il-**qawl** li jgħodd għal dawn is-sentenzi. (Ikteb l-ittra tal-qawl fil-kaxxa t-tajba)

- **Sentenzi**

1. Paul dejjem bl-iskuża li ma jaf xejn u b'hekk jeħles milli jaqdi dmiru. [ ]
2. Lil Pietru l-mastrudaxxa lanqas inqabbdu iżjed għax dejjem xogħol ħażin jagħmilli minħabba l-għaġla li jiġi biha. [ ]
3. Ommi tavżani dejjem biex ma naqbadx u nixtri malli nara xi ħaġa rħisa. [ ]

- **Qwiel**

a) l-irħis ibża' minnu [ ]
b) jagħmilha tal-ħmar biex ma jħallasx dwana [ ]
ċ) il-qattusa għaġġelija tagħmel frieħ għomja [ ]

(3)

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV *(8 marki)*





F'madwar 80 kelma ikteb dwarek innifsek. Il-punti msemmijin fil-kaxxa jistgħu jgħinuk tiftakar f'tagħrif dwar il-karattru tiegħek.

| |
|---|
| Tħobb tiddeverti, tħobb tidħak, bil-buri, ġentili, kattiv/a, mistħi/ja, kalm/a, fuq ruħek, ta' min jafdak, tħenn, traskurat/a, dħuli/ja, tħobb tindaħal, tħobb targumenta, taf tagħżel il-ħbieb, rasek iebsa, avventuruż/a. |

## E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI - SEHEM IL-MALTI FIL-KULTURA *(8 marki)*

F'madwar 8 linji ikteb dwar **WIEĦED** mill-personaġġi li fittixt dwaru din is-sena.

| **F. LETTERATURA - Poeżija - Nadriet 2** | *(13-il marka)* |
|---|---|

Wieġeb il-mistoqsijiet 1, 2, 3

1. Aqra sewwa s-silta u wieġeb:

   Għalhekk, imdejjaq, nafar, nafra kbira,
   Bħal ruħ li tħossha ta' xortiha lsira;
   Imb'għad xħin f'ġismu ħass ix-xafra dieħla
   Li qajla qajla bdiet toħroġlu demmu,
   Il-barri ħares, donnu ried jistaqsi:
   Għaliex? lill-bniedem li kien qed itemmu.

(i) Is-silta hija meħuda mill-poeżija *Il-Barri*. Min kitibha? ____________________ (1)

(ii) Mis-silta ikteb similitudni ______________________________________________

______________________________________________ (1)

(iii) F'madwar 3 linji ikteb dwar x'effett ħalliet fuqek din il-poeżija.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (3)

2. *Ballata* ta' Rużar Briffa tirrakkonta ġrajja ta' swied il-qalb. F'madwar 5 linji ikteb dwar din il-ġrajja.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (5)

**Aktar Nadriet Poetiċi**

3. Agħżel poeżija **WAĦDA** milli studjajt u ikteb il-ħsieb tagħha f'madwar 5 linji

Fil-Menqa - Ġorġ Peresso, Lejl tat-Tfulija - Ġorġ Borg, Settembru - Wallace Ph. Gulia, Il-Ħajt tas-Sejjieħ - Rena Balzan, Sjesta Maltija - Kilin, Univers Ieħor - Dun Karm, Ġunju - Dun Karm, Marsaxlokk - Charles Flores.

Isem il-poeżija- ____________________

Il-ħsieb tal-poeżija- ______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (3)

## Ġ. LETTERATURA - Proża *(16-il marka)*

1. **Nies Bla Sabar** ta' Temi Zammit
   Lukarda u l-Għadd tan-Nies, Mastru Ġakbu, Ċensa u ċ-Ċine.
   Agħżel karattru minnhom u f'madwar 8 linji ikteb dwar kif pinġieh Temi Zammit fil-kitba tiegħu.

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________ (8)



2. **Ħolm tal-Milied?** ta' Trevor Żahra
   "Imxi Lel, ejja ħa torqod," resqet iċċaqalqu waħda mara. Kienet pastura qasira u mbaċċa b'suritha tixbah lill-ġarra li kellha fuq rasha.

   Leli b'hekk sab ruħu fil-presepju qalb il-pasturi. F'madwar 8 linji, irrakkonta dwar il-mara tal-ġarra u l-pasturi sakemm dawn wasslu lil Leli għand ix-Xjuħ, li kienu n-nies li bagħtu għandhom San Franġisk.

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________ (8)

## G. KOMPONIMENT *(20 marka)*

Ikteb madwar 250 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn. (Ikteb fuq karta separata.)

1. Kelli żjara li ma kontx nistenna minn.......................
2. Il-Ħadd li għadda kont qed inqatta' ġurnata f'xatt il-baħar meta f'daqqa waħda rajt dħaħen ħerġin mill-kjosk tal-luminati u l-ġelati. Irrakkonta dwar dan l-inċident.
3. Jiena Ossy, il-kompjuter ta' Thomas u Melissa- Tgħidx kemm nipprovdilhom divertiment, u ngħallimhom ukoll!! Immaġina għalhekk li inti Ossy u għid kif jużawk Thomas u Melissa għal-logħob u l-istudju tagħhom.
4. Fl-aħħar waslu l-imberkin vaganzi! Addio pitazzi, kotba, skola; imma issa x'se naqbad nagħmel bija nnifsi?
5. 'Kemm għidtilhom ibaxxu l-volum ta' l-isterjo.' Irrakkonta l-istorja.